MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 265/2008

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet :

1. Illi fil-5 ta' Dicembru 2002 il-partijiet izzewgu fir-Registru Pubbliku, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. EA;

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet m' ghandhomx tfal;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-konvenut kien marbut b' kundizzjoni;

5. Illi l-imsemmi zwieg huwa null stante li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghal konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

6. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null;

7. Illi l-esponenti taf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attrici umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fil-5 ta' Dicembru 2002, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Dicembru 2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d][f] u [g] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewgu fil-5 ta' Dicembru 2002, meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 51 sena u wara li kienu ilhom jafu lil xuxlin circa ghaxar [10] snin li, matul l-ahhar seba' [7] snin minnhom, ikkonvivew flimkien. Wara konvivenza matrimonjali ta' hames snin, l-attrici telqet mid-dar konjugali, u l-partijiet isseparaw de facto.  Illum il-konvenut ghandu relazzjoni extra matrimonjali. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li meta hi kellha hmistax [15]-il sena kienet marret tixtri fil-hanut tal-konvenut li f' dak iz-zmien kellu 41 sena, u ghalhekk 26 sena akbar minnha, u dan offrielha li sabiex tmur tahdem mieghu.  Hija kienet accettat, u wara ftit bdew relazzjoni flimkien. Mill-bidu tar-relazzjoni hija, fuq talba tieghu, kienet bdiet tiehu l-pillola kontracettiva; wara circa tlett snin dawn bdew jikkonvivu flimkien. Sussegwentement, l-attrici, wara li dahlet fl-Evangelical Church, bdiet tinsisti li l-partijiet jizzewgu, u eventwalment, wara taht kondizzjonijiet relatati mal-prorpjeta' tal-partijiet, il-konvenut accetta li jizzewweg.

Tghid li mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom il-konvenut kien bniedem dominanti u kien pussessiv fuqha, tant li jekk ma kinitx taghmel dak li jghid hu, kien ikecciha jew mill-hanut quddiem in-nies, jew mid-dar, gieli anki fil-hinijiet ta' bil-lejl; izda hi kienet toqghodlu peress li kienet thobbu. Tghid li l-konvenut kien ihaddimha hafna fil-hanut tal-pastizzerija, u kien johdilha l-flus kollha; kien jittrattaha bhala skjava. Sussegwentement l-attrici bdiet turi sintomi ta' depressjoni, tant li t-tabib kien taha parir li tieqaf naqra mix-xoghol, izda l-konvenut ma riedx, u, wara xenata, l-attrici harbet mid-dar konjugali bl-ilbiesi tal-lejl.  Tghid li l-konvenut kellu l-vizzju tal-loghob.

L-attrici tispjega li hi kienet accettat li taghmel dawn is-snin kollha mieghu peress li kienet ghadha zghira u kienet drat f' din it-tip ta' hajja li tigi trattata ta' skjava kontrollata kompletament mill-konvenut. Kien biss wara li l-attrici bdiet timrad li ntebhet li l-konvenut mhux vera kien

ihobbha, u li ghalih ma kienet ghajr xejn hlief oggett li tuza.

*Verzjoni tal-Konvenut*
Il-konvenut jghid li sa fejn jaf hu, kemm qabel iz-zwieg, kif ukoll wara z-zwieg, l-unici problemi li kien hemm bejn il-partijiet, ma kienux ta' natura relazzjonali, izda ta' natura finanzjarja li aggravaw meta kien xtrara l-hanut tal-pastizzerija. Jghid li "onestament, jien stess fil-gurnata tallum ghadni lanqas naf ghalfejn isseparajna u ghalfejn qedin hawn."1

Jghid li l-attrici ma baqghetx thobbu, u ghalhekk hu mhux qed jopponi ghat-talba taghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici.

F' dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li mill-komportament tieghu, kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, jirrizulta li dana huwa nkapaci li jesegwixxi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja konjugali, u senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku.  Tul ir-relazzjoni taghhom, il-konvenut kien iddomina u kkontrolla lill-attrici li kienet 26 sena izghar minnu, u kien manifestament insensittiv ghall-bzonnijiet emozzjonali taghha.  Wera li kien egojist maghha, u li ried li  tghaddi tieghu biss, anke jekk dan kien il-kagun ta' hsara kbira mentali ghall-attrici, izda ma kienx jimpurtah. Din l-immaturita' affettiva da parti tieghu, fil-konfront ta' l-attrici, kienet ta' ostakolu serju sabiex il-partijiet jistabbilixxu "a community of love and life" u kienet irrenditu nkapaci li jassumi l-imsemmi obbligu matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba ta' l-attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] Kap.255, u timmerita li tigi milqugha.

[1] Fol.17

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-5 ta' Dicembru 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------